IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

1 ta' Marzu 2018
34/2018

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL MARZU 2018**

Il-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2018, fis-6:00 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser imexxi pellegrinaġġ u jiċċelebra Quddiesa bl-istatwa devota ta' Ġesù Redentur, fil-Bażilika tal-Isla.

Il-Ħadd 11 ta' Marzu, fl-10:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa f'Savio College, Ħad-Dingli, fil-50 anniversarju mit-twaqqif tal-iskola.

Is-Sibt 17 ta' Marzu, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Dun Martin Cardona bħala l-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop.

L-Erbgħa 21 ta' Marzu, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa b'sufraġju tal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-anniversarju tal-mewt tiegħu.

Il-Ġimgħa 23 ta' Marzu, Jum id-Duluri, fil-11:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-MCAST, Raħal Ġdid. Fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jieħu sehem f'purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Addolorata, li tibda mill-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta' Ġieżu), il-Belt Valletta.

Il-Ħadd 25 ta' Marzu, fl-10:30 a.m., Monsinjur Arċisqof imexxi ċ-ċelebrazzjoni ta' Ħadd il-Palm, bit-tberik tal-friegħi taż-żebbuġ u l-palm, u jiċċelebra Quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

L-Erbgħa 28 ta' Marzu, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa ta' ringrazzjament mas-Sorijiet tal-Monasteru tal-Qaddisa Omm Alla, ir-Rabat. Fis-7:30 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi l-Via Sacra Djoċesana li tibda minn ħdejn l-istatwa ta' Kristu Re, il-Furjana, u tintemm quddiem il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Via Sacra tixxandar 'live' fuq Radju RTK.

Il-Ħamis 29 ta' Marzu, Ħamis ix-Xirka, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-Quddiesa tal-Griżma, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Fis-6:30 p.m., l-Arċisqof imexxi l-Quddiesa fl-Ikla tal-Mulej u wara ssir il-purċissjoni bis-Sagrament lejn l-artal tar-ripożizzjoni, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Il-Ġimgħa 30 ta' Marzu, il-Ġimgħa l-Kbira, fit-3:30 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi l-Azzjoni Liturġika tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Is-Sibt 31 ta' Marzu, Sibt il-Għid, fit-8:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi l-liturġija tal-Vġili tal-Għid li tinkludi l-Magħmudija tal-adulti, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**